DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Mejju 2009

li taħtar membru Belġjan tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2009/419/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2006/651/KE, Euratom [1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Belġjan,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi l-post ta' membru fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew sar vakanti wara r-riżenja tas-Sinjura Christine FAES,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sur Ronny LANNOO, Adviseur-generaal UNIZO, huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-20 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Mejju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

J. ŠEBESTA

[1] ĠU L 269, 28.9.2006, p. 13.